Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,303, 12 ta' Lulju, 1996
Taqsima B

A.L. 134 ta' l-1996

ATT TA' L-1996 DWAR NOMINI MILL-OPPOŻIZZJONI (ATT NRU. IX TA' L-1996)

Ordni ta' l-1996 dwar Nomina mill-Oppożizzjoni fil-Korporazzjoni ta' Xogħol u Taħriġ

BIS-SAĦĦA tas-subartikolu (5) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Nomini mill-Oppożizzjoni, il-Prim Ministru ordna li wieħed mill-membri li jistgħu ikunu nominati mill-Ministru responsabbli għax-xogħol u li ma jkunx iċ-*Chairman* u il-Viċi *Chairman* skond l-artikolu 6 ta' l-Att dwar is-Servizzi ta' Impieg u Taħriġ, Kap. 343, għandu jinħatar mill-Prim Ministru skond u taħt l-imsemmi artikolu 3 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Nomini mill-Oppożizzjoni.